MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**

**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 33/2007/1

**Anthony Saliba**

**vs**

**Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

Rat li fil-21 ta' Mejju 2010, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Sede Inferjuri ppronunzjat s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*'Il-Qorti,*

*Permezz ta' rikors prezentat fil-21 ta' April 2010 ir-rikorrent Anthony Saliba qieghed jitlob ritassa tat-taxxa mahruga mill-intimata fl-14 ta' Frar 2008 fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Saliba vs Neptune's Bar and Restaurant Company Limited*** *deciza fis-26 ta' Lulju 2007. Mill-atti jirrizulta li din it-taxxa giet notifikata lir-rikorrent fit-13 ta' April 2010 permezz ta' ittra ufficjali li giet prezentata fl-24 ta' Marzu 2010 minn Neptune's Bar and Restaurant Company Limited. Ir-rikorrent jilmenta li t-taxxa saret ad valorem meta kellha ssir fuq punt ta' ligi, in kwantu dak li gie deciz mill-qorti u t-talbiet kienu dwar pnt ta' ligi.*

*Ir-rikors u l-avviz ta' smiegh gew notifikati lil kull min ghandu nteress fit-taxxa, u pprezentaw risposta l-intimata u l-kumpannija fuq imsemmija.*

*Jigi rilevat li dwar l-eccezzjoni tal-kompetenza sollevata mill-kumpannija, din il-qorti diga' kellha l-opportunita tiddeciedi f'kazijiet ohra li hi kompetenti fejn il-valur tat-taxxa ma jkunx jaqbez il-kompetenza ta' din il-qorti. Ghalhekk l-eccezzjoni ser tigi micuhda in kwantu ma saru l-ebda sottomissjonijiet li jistghu b'xi mod ibiddlu l-fehma ta' din il-qorti kif presjeduta (Ara* ***Francis Saliba et vs Registratur tal-Qorti*** *ta' Ghawdex tal-15 ta' April 2009.*

*Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kaz* ***Avukat Carmelo Galea vs Silvio Zammit et*** *tal-15 ta' Lulju 2009). Inoltre, kuntrarjament ghal dak li qeghda ssostni l-kumpannija konvenuta, saret tassazzjoni ad valorem (ara xhieda tad-Deputat Registratur Anthony Mizzi u risposta tar-Registratur ("… u t-taxxa nhadmet fuq il-valur ta' l-istess immobbli, cioe Lm65,000")).*

*Il-punt in kontestazzjoni hu dwar jekk l-intimata kellix tintaxxa it-talbiet bhala punt ta' ligi jew ad valorem. Il-Magistrat sedenti kien ippresjeda l-qorti li tat is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2007. L-isfond tal-kawza kienet kuntratt li sar fit-3 ta' Lulju 2006 fl-atti tan-nutar Dr Joseph N. Tabone li hu l-meritu tal-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Saliba vs Francis Schembri et*** *(Rikors 100/2006) (Prezentata fil-11 ta' Settembru 2006). F'dawk il-proceduri Anthony Saliba qieghed jimpunja l-validita tal-kuntratt in kwantu jsostni li l-kuntratt sar b'qerq u b'ghemil frawdolenti tad-drittijiet tieghu. Sussegwentement fit-22 ta' Frar 2007 l-attur ipprezenta rikors u talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex il-konvenuta tigi nibita milli "jipotekaw jew b'xi mod iehor jghabbu bid-dejn, jaljenaw jew jiddisponu mill-proprjeta deskritta hawn that favur terzi taht kwalunkwe titolu…..". Il-qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Fil-kawza deciza bis-sentenza tas-26 ta' Lulju 2007 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2010, Anthony Saliba talab:-*

*a. Dikjarazzjoni li l-agir tas-socjeta konvenuta li tipprova tghabbi bi djun jew tittrasferixxi l-proprjeta, hu ta' pregudizzju ghad-drittijiet tieghu.*

*b. Tinibixxi lis-socjeta konvenuta milil tghabbi bi djun, jew tfixkel il-pussess battal jew li tiddisponi mill-proprjeta bi kwalsiasi titolu.*

*Permezz tas-sentenza li nghatat fis-26 ta' Lulju 2007, il-qorti ddikjarat li l-kawza kienet irritwali minhabba nuqqas ta' interess guridiku f'Anthony Saliba u li l-kawza ma kenitx tissodisfa r-rekwiziti mposti mill-Artikolu 843 tal-Kap. 12 cjoe' l-jedd pretiz.*

*Hu minnu li fir-rikors guramentat Anthony Saliba ghamel riferenza ghall-kuntratt ta' bejgh tat-3 ta' Lulju 2006 pubblikat min-nutar Dr Joseph N. Tabone fejn jissemma prezz ta' hamsa u sittin elf lira Maltija (Lm65,000). Pero dan il-fatt wahdu ma jfissirx li l-kawza ghandha tigi ntaxxata ad valorem. Il-fatt li f'kawza tkun saret riferenza ghall-kuntratt ta' xiri, b'daqshekk ma jfissirx li t-tassazzjoni ghandha ssir ad valorem. Ghal finijiet ta' tassazzjoni wiehed ghandu jara x'inhu l-qofol tal-kwistjoni fil-kawza u mhux jillimita ruhu ghat-talba. Kif sewwa osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef.) fil-kaz* ***HSBC Bank Malta plc vs Registratur tal-Qrati u Direttur Generali et*** *tat-12 ta' Gunju 2003:*

*"Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa ghal zmien twil, t-tassazzjoni ad valorem hija ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta' flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet mabrutin ma' dan. Meta kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn li ghadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni* ***generalment*** *issir a bazi ta' dikjarazzjoni." (enfazi ta' din il-qorti).*

*Fil-kawza deciza fis-26 ta' Lulju 2007 Anthony Saliba ma kienx qieghed jimpunja l-validita' tal-kuntratt u wisq inqas ma kien qieghed jitlob xi haga li seta' jolqot direttament l-imsemmi kuntratt. Hu sempliciment ried, wara li fis-6 ta' Marzu 2007 il-qorti laqghet it-talba tieghu ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, dikjarazzjoni li jekk il-kumpannija tghabbi l-proprjeta bid-dejn jew tittrasferixxi l-proprjeta dan kien ser iwassal ghall-pregudizzju serju tad-drittijiet ta' Anthony Saliba u ghalhekk talab li l-kumpannija tigi inibita milli taghmel xi wahda minn dawn l-atti. Dan ovvjament peress li ghad hemm pendenti l-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Saliba vs Francis Schembri et*** *(Rikors 100/2006), f'liema proceduri Saliba qieghed jimpunja l-validita tal-kuntratt. Hu f'dawk il-proceduri li t-tassazzjoni ghandha ssir ad valorem. M'hemmx dubju li l-ezitu tal-kawza (Rikors numru: 33/2007) fil-meritu ma kienx jiddependi mill-kuntratt ta' bejgh tat-3 ta' Lulju 2006 pubblikat min-nutar Joseph N. Tabone. Fil-fatt kieku gie trattatat il-meritu u nghatat sentenza ma kien ser ikun hemm l-ebda*

*trasferiment ta' flus jew proprjeta' u lanqas ma seta' jkun hemm xi effett guridiku fuq it-trasferiment li sehh b'dak il-kuntratt.*

***Ghal dawn il-motivi l-qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet li nghataw tilqa' t-talba tar-rikorrent, thassar it-taxxa mahruga mill-intimata fl-14 ta' Frar 2008 b'riferenza ghall-kawza Anthony Saliba vs Neptune's Bar and Restaurant Company Limited (Rikors numru 33/2007), u tordna lir-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex sabiex tintaxxa mill-gdid il-kawza fuq semplici dikjarazzjoni.***

***L-intimata ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha u tar-rikorrent. Spejjez ohra ta' min seta' kellu nteress f'dan il-procediment jibqghu a karigu tieghu".***

Rat ir-rikors tal-appell tar-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex datat 10 ta' Gunju 2010 fejn talab li dina l-Qorti tal-Appell thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri numru 173/2010 moghtija fil-21 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet premessi u dan ghar-ragunijiet hemm moghtija. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

Rat ir-rikors tal-appell incidentali tat-terz, is-socjeta Neptunes Bar and Restaurant Company Limited datat 6 ta' Lulju 2010 fejn talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza u dan ghar-ragunijiet hemm premessi

Rat ir-risposta ta' Anthony Saliba ghall-appell incidentali ta' tas-socjeta' Neptunes Bar & Restaurant Company Limited datat 23 ta' Awwissu 2010 fejn jghid illi applikat dan il-principju ghall-kaz taht ezami, it-talbiet tal-attur fil-kawza Citazzjoni 33/07 li kieku kellhom jigu milqugha ma kienux ser iwasslu la biex jghaddu flus jew il-fond u lanqas it-trasferiment tal-fond jew ta' jeddijiet marbutin mal-fond. Dan jifforma l-meritu tal-kawza l-ohra Citazzjoni 100/06, u mhux tal-kawza 33/07, u s-semplici riferenza ghall-kuntratt u ghall-kawza l-ohra b' daqshekk ma jwasslux biex il-kawza tigi ntaxxata *ad valorem*, izda hija n-natura tad-domanda li ghandha tiddetermina jekk hijiex

semplicement wahda dikjaratorja jew tirrigwarda drittijiet li ghandhom valur determinat jew determinabbli u ghalhekk inghad li l-appell Incidentali tal-kumpanija Neptunes Bar & Restaurant Company Limited fejn ghaldaqstant anke fil-meritu dan l-appell incidentali ma jistax jigi sostnut, u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-kumpanija.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Gimgha, 8 ta' April 2011. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-punt imqajjem minn Dr. Scerri ghan-nom tal-appellat Anthony Saliba dwar dak li gie ritenut fis-sentenza **'Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti'** tat-2 ta' Lulju 2010, u l-appell gie differit ghall-decizzjoni fuq dan il-punt ghall-15 ta' Gunju 2011.

Rat li fil-15 ta' Gunju 2011 nghatat provediment dwar il-punt imqajjem minn Dr. Scerri ghan-nom tal-appellat Anthony Saliba dwar dak li gie ritenut fis-sentenza **'Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti'** tat-2 ta' Lulju 2010 fejn jirrizulta li inghatat decizjoni dwar ritassazzjoni tal-ispejjez gudizzjarji fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Saliba vs Registratur tal-Qorti t'Ghawdex"** datata 21 ta' Mejju 2010 wara li r-rikorrenti odjern kien gie notifikat b'ittra ufficjali datata 24 ta' Marzu 2010 bl-istess taxxa, u huwa kien interpona rikors kontra r-Registratur tal-Qorti fil-21 ta' April 2010, li gie notifikat lil intimat fl-istess rikors u wkoll lis-socjeta' Neptune's Bar & Restaurant Co. Ltd, li pprezentat risposta fl-istess procedura, izda li qatt ma kienet parti fl-istess proceduri, kif l-okkju tal-istess decizjoni hawn appellata jindika.

Illi jirrizulta li sar appell mill-istess decizjoni mir-Registratur tal-Qorti b'rikors fl-10 ta' Gunju 2010, u l-appellat Anthony Saliba pprezenta risposta tal-appell fis-7 ta' Lulju 2010; izda barra minn dan is-socjeta' Neptune's Bar and Restaurant Company Limited ipprezentat dak li hija sejhet bhala *"rikors ta' appell incidentali tat-terz, is-socjeta Neptune's Bar and Restaurant Company Limited"* u dan datat 6 ta' Lulju 2010 u hawn qam il-punt sollevat fis-seduta tat-8 ta' April 2011 li tali att ma setax jigi pprezentat proprju minhabba dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Violet**

**Camilleri vs Registratur tal-Qorti"** datata 2 ta' Lulju 2010.

Illi f'din id-decizjoni inghad la darba ir-rikors sabiex jattaka t-taxxa kien ipprezentat biss kontra r-Registratur tal-Qorti u fl-okkju huwa biss gie indikat, mela allura kien biss l-istess Registratur li kien parti fil-kawza bhala intimat, u anke jekk tali rikors gie notifikat lill persuni ohra, dawn ma kienux u qatt ma dahhlu bhala parti fil-kawza, u ghalhekk ir-risposti tal-istess kellhom jigu injorati, anke peress li lanqas saret talba ghall kjamata in kawza jew talba sabiex jintervjenu *in statu et terminis,* u l-konsegwenza ta' dan kienet li l-istess Onorabbli Qorti tal-appell irrevokat id-decizjoni, u baghatet lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz minghajr ma tiehu konsiderazzjoni tar-risposti tal-persuni li ma kienux partijiet fil-kawza.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, jirrizulta li s-socjeta' Neptune's Bar & Restaurant Co. Ltd dahlet att datat 6 ta' Lulju 2010 li hija sejhet bhala *"rikors ta' appell incidentali tat-terz, is-socjeta Neptune's Bar and Restaurant Company Limited"* u hawn id-difensur tal-appellat qed isostni li dan l-att ma jistax jigi permess peress li l-istess socjeta' ma kienitx parti f'dawn il-proceduri.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan, peress li jidher car li mill-atti quddiem l-Ewwel Qorti, u mill-okkju tal-procedura odjerna, nkluz id-decizjoni hawn appellata l-istess socjeta' ma hijiex parti fl-istess proceduri, u allura ma tistax tipprezenta appell incidentali ghaliex sabiex jigi prezentat appell incidentali, dan issir biss minn parti fil-kawza skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 240 tal-Kap. 12,** u dan wara li ssir ir-risposta ta' appell, naturalment minn parti fil-kawza. Ghalhekk fic-cirkostanzi attwali certament li appell incidentali mhux possibbli li jsir minn tali socjeta' ghaliex ma hijiex parti f'din il-procedura u ma ghandha l-ebda *locus standi* fl-istess.

Illi jidher li l-istess socjeta' imsemmija taf li ma hijiex parti f'dawn il-proceduri, tant li hija sejhet tali att bhala *"appell incidentali ta' terz"*, haga li lanqas biss tezisti, jew tista'

tkun koncepibbli fl-ordinament guridiku nostali, u dan peress li appell incidentali jigi prezentat minn parti, u appell ta' terz jigi prezentat jigi prezentat minn persuna li hijiex parti minn kawza u dan skond l-**artikolu 236 tal-Kap. 12.** Mela allura l-att kif imsejjah u pprezentat mis-socjeta' indikata lanqas huwa koncepibbli fil-ligi ta' procedura, u l-isem tieghu huwa kontradittorju fih innifsu u dan irrendi l-istess att mhux permessibbli f'din il-procedura u f'dan l-istadju ta' appell.

Illi sabiex jigi kkunsidrat appell ta' terz dan irid jigi prezentat fit-terminu indikat sabiex issir appell u allura fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tas-sentenza jew provediment skond id-disposizzjoni tal-**Kap. 12** nkluz l-**artikolu 226 tal-istess Kap** u jidher car li bhala appell ta' terz dan sar ukoll fuori termine skond l-istess disposizzjonijiet u allura anke taht dan l-aspett tali att ma jistax jithalla fl-atti u allura din il-Qorti qed tordna l-isfilz tieghu mill-atti u tordna l-prosegwiment ta' dan l-appell.

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi in vista ta' dak verbalizzat fis-seduta tat- 8 ta' April 2011 fil-konfront tar-*"rikors ta' appell incidentali tat-terz, is-socjeta Neptune's Bar and Restaurant Company Limited"* datat 6 ta' Lulju 2011, u wkoll in vista ta' dak hawn deciz, **tordna l-isfilz tal-istess rikors ta' appell incidentali tat-terz, tas-socjeta' Neptune's Bar and Restaurant Company Limited** tas-6 ta' Lulju 2011 peress li tali att mhux proponibbli u lanqas permessibbli f'dawn il-proceduri ta' appell kollox ai termini ta' dak hawn deciz.

Bl-ispejjez ta' dan il-provediment riservati ghall-provediment finali.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **'Anthony Saliba vs Neptune's Bar and Restuarant Co. Limited'** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2010 (Rikors Numru 33/07/AE).

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija procedura fejn r-rikorrenti odjern kien qed jitlob ritassa peress li qed isostni li d-dritt tal-avukat gew intaxxatti ad valorem meta kellhom jigi intaxxati fuq punt ta' dritt billi dak li gie deciz kien dwar punt ta' dritt ta' natura preliminari li gew imqajjma ex ufficio mill-Qorti bid-digriet taghha tas-27 ta' Lulju 2007, u fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici kienu wkoll dwar punt ta' ligi u/jew fatt ta' valur mhux determinat jew determinabbli.

Illi b'risposta tieghu r-Registratur tal-Qorti sostna li la darba t-talba kienet sabiex is-socjeta' konvenuta f'dik il-kawza tigi inibita milli tipprova tiddisponi minn proprjeta' oggett ta' kuntratt tat-3 ta' Lulju 2006 fl-atti tan-Nutar Joseph N. Tabone sakemm tigi deciza kawza ohra bejn il-partijiet, u l-valur tal-istess proprjeta' kienet Lm65,000 kif jidher minn fol. 5 tal-atti, meta allura d-dritt kellhu jinhadem fuq l-istess valur ai termini tal-**artikolu 14 u 13 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap. 12,** u dan ghaliex il-valur huwa determinabbli u ghalhekk ma japplikax l-**artikolu 15 (a) tal-istess Tariffa.**

Illi b'decizjoni datata 21 ta' Mejju 2010 gie ddikjarat li l-qofol tal-kwistjoni ma kienx jittratta talbiet ghal passagg ta' flus jew fondi jew ghall trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet marbutin ma' dan, u allura meta kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn generalment it-tassazzjoni issir a bazi ta' dikjarazzjoni u dan fuq l-iskorta tas-sentenza **"HSBC Bank Malta plc vs Registratur tal-Qrati u Direttur Generali et"** (P.A. (JMR) – 12 ta' Gunju 2003). Inghad li la darba l-kawza deciza fis-26 ta' Lulju 2007 ma kienex qed jimpunja l-validita' ta' kuntratt tant li t-talbiet kienu sabiex jigi ddikjarat li l-agir tas-socjeta' konvenuta li tipprova tghabbi bi djun jew titrasferixxi l-proprjeta' hu ta' pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, u wkoll sabiex tinibixxi lis-socjeta' konvenuta milli tghabbi bi djun, jew tfixkel il-pussess battal jew li tiddisponi mill-proprjeta' bi kwalsiasi titolu, mela allura dawn kienu talbiet dikjaratorji li ma kienu jinvolvu ebda trasferiment ta' flus jew proprjeta' u lanqas ma seta' kien hemm xi effett guridiku fuq it-trasferiment li sehh bil-kuntratt ta' bejgh datat 3 ta' Lulju 2006, u

ghalhekk laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex thassar it-taxxa datata 14 ta' Frar 2008 fil-kawza "Anthony Saliba vs Neptune's Bar and Restaurant Company Limited (Rikors Numru 33/2007) u tordna li R-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex jintaxxa mill-gdid il-kawza fuq semplici dikjarazzjoni.

Sar rikors tal-appell mir-Registratur tal-Qorti fejn sostna li t-taxxa kellha issir ad valorem peress li ghalkemm veru li t-talbiet ma kienux jinvolvu trasferiment ta' flus jew ta' immobbli izda l-interess attwali huwa determinat minn *"quod disputatum est"* (**"Salvino Ellul Bonnici vs Dr. Edgar Buhagiar nomine et"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 1960) u dan fid-dawl tad-domanda tal-azzjoni attrici li meta hija tindikax valur, dan jista' jigi determinat miand mill-atti gudizzarji li jifformaw il-kumpless tal-kontroversja li wasslet ghad-decizjoni tal-Qorti **("Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef et"** – P.A. – 21 ta' Lulju 1946; **"Carmelo Axiak vs Av. Dr. Guiseppi Vella nomine et"** (P.A. – 9 ta' Frar 1951); **"Av. Dr. Spiridione Camilleri et vs Dr. Edgar Buhagiar nomine et"** (P.A. – 20 ta' Gunju 1963). Jinghad ukoll li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti hawn mertu ta' dan l-appell tmur kontra l-insenjament fis-sentenza **"Maria Camilleri et vs Av. Dr. Giuseppe Vella nomine"** (A.C. – 13 ta' Marzu 1948) fejn inghad li t-tassazzjoni ssir ad valorem fil-kaz ta' azzjoni ta' annulament jew rexissjoni ssir minn wiehed mill-kontraenti li hadu parti fil-kuntratt u mhux meta tigi proposta minn terz interessat.

Illi din il-Qorti, wara li rat ir-risposta ta' Anthony Saliba datata 7 ta' Lulju 2010, u wara li rat l-atti kollha ta' din il-procedura u l-atti tal-kawza **'Anthony Saliba vs Neptune's Bar and Restuarant Co. Limited'** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2010 (Rikors Numru 33/07/AE) thoss li dan l-appell huwa kompletament bla bazi ghaliex jidher car li t-talbiet tal-kawza li fuqha harget il-kawza mertu tal-azzjoni odjerna kienu talbiet dikjarattorji fejn intalab li (a) jigi ddikjarat li l-agir tas-socjeta' konvenuta li tipprova tghabbi bi djun jew titrasferixxi l-proprjeta' hu ta' pregudizzju ghad-drittijiet tieghu, u wkoll (b) sabiex tinibixxi lis-socjeta' konvenuta

milli tghabbi bi djun, jew tfixkel il-pussess battal jew li tiddisponi mill-proprjeta’ bi kwalsiasi titolu. Dan ifisser li allura dawn kienu talbiet dikjaratorji li ma kienu jinvolvu ebda trasferiment ta’ flus jew proprjeta’ u lanqas ma seta’ kien hemm xi effett guridiku fuq it-trasferiment li sehh bil-kuntratt ta’ bejgh datat 3 ta’ Lulju 2006. F’dan il-kaz dan huwa mhux biss hekk, izda meta wiehed ihares lejn is-sentenza fl-ismijiet **‘Anthony Saliba vs Neptune’s Bar and Restuarant Co. Limited’** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Jannar 2010, wiehed jara li kienet deciza wkoll fuq punti purament ta’ dritt, ghaliex it-talbiet dikjaratorji tal-attur f’dik il-kawza, gew michuda peress li inghad ex ufficju li l-attur ma kellhu l-ebda interess guridiku jipproponi tali kawza la darba kien gja inhareg mandat ta’ inibizzjoni, u dan apparti li tali kawza ma kienitx dik sostantiva kontemplata fl-**artikolu 843 (1) tal-Kap. 16** kollox kif spjegat fl-istess decizjoni u wkoll f’dik tal-Ewwel Istanza datata 26 ta’ Lulju 2007. B’hekk l-appell odjern huwa komplament bla ebda bazi legali jew fattwali u qed jigi michud in toto.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ r-risposta ta’ Anthony Saliba datata 7 ta’ Lulju 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mir-Registratur tal-Qorti ta’ Ghawdex fir-rikors tal-appell tieghu datat 10 ta’ Gunju 2010 peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, u ghalhek tikkonferma id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-ismijiet “Anthony Saliba vs Registatur tal-Qorti” datata 21 ta’ Mejju 2010 (Rikors 33/2007AE) ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri kontra l-appellanti r-Registratur tal-Qorti, hlief ghal dawk tal-provediment ta’ din il-Qorti datat 15 ta’ Gunju 2011 li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ Neptune’s Bar and Restaurant Company Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------